REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/529

tat-28 ta' Marzu 2019

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Waqt il-laqgħa annwali tagħha fl-2018, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) żammet fis-seħħ il-miżuri ta' konservazzjoni għall-pixxispad u għat-tonn tropikali. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(3) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2019, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat limiti ta' qbid ġodda għas-sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*) u approvat sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.). Jenħtieġ li l-miżuri applikabbli jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(4) Fir-Regolament (UE) 2019/124, il-qabda totali permissibbli (TAC) għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fis-subżona 4 tal-ICES kienet stabbilita għal żero. Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku rilevanti jsir disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li l-attivitajiet tas-sajd jibdew f'April.

(5) Jenħtieġ li l-limiti ta' qbid għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku mill-ICES, maħruġ fit-22 ta' Frar 2019 għall-approċċ tar-rendiment massimu sostenibbli u, għal ċerti żoni ta' ġestjoni, għall-approċċ prekawzjonarju.

(6) Il-limiti tal-isforz għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet tas-sajd, tal-kapaċità u tat-trobbija għat-tonna kkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dawk il-limiti tal-isforz ġew rrappurtati permezz tal-pjan tal-Unjoni approvat mill-ICCAT waqt il-Laqgħa Intersessjonali tal-Bord 2 li saret fl-4 u fil-5 ta' Marzu 2019. Għandhom jiġu stabbiliti bħala parti mill-opportunitajiet tas-sajd.

(7) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) 2019/124 jiġi emendat kif meħtieġ.

(8) Il-limiti ta' qbid previsti fir-Regolament (UE) 2019/124 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament dwar limiti ta' qbid japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/124 huwa emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 27(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross tal-bastimenti li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom u li jkunu qegħdin jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2019, għal-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' 36 102 tal-Unjoni f'dik iż-żona.";

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

2. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 28a*

Sajd esploratorju

1. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet esploratorji tas-sajd bil-konz għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2019 biss jekk l-SPRFMO tkun approvat l-applikazzjoni tagħhom għal tali sajd inklużi Pjan Operazzjonali għas-Sajd u impenn li jiġi implimentat Pjan ta' Ġbir tad-Data.

2. Is-sajd għandu jseħħ biss fil-blokki ta' riċerka speċifikati fl-Anness IJ. Is-sajd f'fond ta' inqas minn 750 metru u aktar minn 2 000 metru għandu jkun ipprojbit.

3. It-TAC għandha tkun kif stabbilita fl-Anness IJ. Is-sajd għandu jkun limitat għal vjaġġ wieħed ta' tul massimu ta' 21 jum konsekuttiv u għal għadd massimu ta' 5 000 sunnara għal kull sett, b'għadd massimu ta' 20 sett għal kull blokka ta' riċerka. Is-sajd għandu jieqaf meta tintlaħaq it-TAC jew meta jkunu tniżżlu u nġabru 100 sett, skont liema minn dawn iseħħ l-ewwel.";

3. l-Annessi IA, IB, IH, IJ, III, IV, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2019/124 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

ANNESS

1. L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Iċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati miegħu *Ammodytes* spp.	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 (1)

Id-Danimarka	106 387 (2)
Ir-Renju Unit	2 325 (2)
Il-Ġermanja	162 (2)
L-Iżvezja	3 906 (2)
L-Unjoni	112 780
TAC	112 780

TAC analitika

Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

(1) Minbarra l-ilmijiet li jinsabu sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, f'Fair Isle u f'Foula.

(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavalli (OT1/*2A3A4). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavalli li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

Kondizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, iddefiniti fl-Anness IIC, ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt:

Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell						
	1r	2r (1)	3r	4 (1)	5r	6	7r
	(SAN/234_1R)	(SAN/234_2R)	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6)	(SAN/234_7R)
Id-Danimarka	86 704	4 717	10 084	4 717	0	165	0
Ir-Renju Unit	1 895	103	220	103	0	4	0
Il-Ġermanja	133	7	15	7	0	0	0
L-Iżvezja	3 184	173	370	173	0	6	0
L-Unjoni	91 916	5 000	10 689	5 000	0	175	0
Totali	91 916	5 000	10 689	5 000	0	175	0

(1) Fiż-żoni ta' ġestjoni 2r u 4, it-TAC tista' tinqabad biss bħala TAC ta' monitoraġġ bi protokoll ta' teħid tal-kampjuni assoċjat magħha għal dan it-tip ta' sajd.";

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/1X14)
Id-Danimarka	48 813 (1)		
Il-Ġermanja	18 979 (1)		
Spanja	41 383 (1) (2)		
Franza	33 970 (1)		
L-Irlanda	37 800 (1)		
In-Netherlands	59 522 (1)		
Il-Portugall	3 844 (1) (2)		
L-Iżvezja	12 075 (1)		
Ir-Renju Unit	63 341 (1)		
L-Unjoni	319 727 (1) (3)		
In-Norveġja	99 900		
Il-Gżejjer Faeroe	10 000		
TAC	Mhix rilevanti	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	

(1) Kondizzjoni speċjali: fil-limitu ta' kwantità totali tal-aċċess ta' 22 500 tunnellata għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqbdu sa mhux iżjed minn dan il-perċentwal tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 7 %

(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa minn qabel bit-tali trasferimenti.

(3) Kondizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-UE fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), tista' tinqabad il-kwantità li ġejja fiż-Żona Ekonomika Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen: 227 975.";

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-Lipp fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4 (LIN/04-C.)
Il-Belġju	26 (1)		
Id-Danimarka	404 (1)		
Il-Ġermanja	250 (1)		
Franza	225		
In-Netherlands	9		
L-Iżvezja	17 (1)		
Ir-Renju Unit	3 104 (1)		
L-Unjoni	4 035		
TAC	4 035	TAC prekawzjonarja	

(1) Kondizzjoni speċjali: li biha sa 25 % iżda mhux aktar minn 75t jistgħu jinqabdu fi: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (LIN/*03 A-C).";

(d) l-Appendiċi huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Appendiċi*

It-TACs imsemmijin fl-Artikolu 8(4) huma dawn li ġejjin:

Għall-Belġju: lingwata komuni fiż-żona 7a; lingwata komuni fiż-żoni 7f u 7 g; lingwata komuni fiż-żona 7e; lingwata komuni fiż-żona 8a u 8b; megrims fiż-żona 7, merluzz tal-linja sewda fiż-żoni 7b-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1; skampu fiż-żona 7; bakkaljaw fiż-żona 7a; barbun tat-tbajja' fiż-żoni 7f u 7 g; barbun tat-tbajja' fiż-żoni 7h, 7j u 7k; Rebekkini u Raj fiż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7e-k

Għal Franza: kavall fiż-żoni 3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c u tas-Suddiviżjonijiet 22-32; aringa fiż-żoni 4, 7d u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a; sawrell fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4b, 4c u 7d; merlangu fiż-żona 7b-k; merluzz tal-linja sewda fiż-żoni 7b-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1; lingwata komuni fiż-żoni 7f u 7 g; merlangu fiż-żona 8; paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8; minfaħ fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8; kavall fiż-żoni 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14; rebekkini u raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7e-k, rebekkini u raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 7d, rebekkini u raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 8 u 9; raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 7d u 7e

Għall-Irlanda: petriċa fiż-żona 6; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14; petriċa kbira fiż-żona 7; skampu fl-Unità Funzjonali 16 tas-Subżona 7 tal-ICES.

Għar-Renju Unit: bi skambju għall-bakkaljaw u l-merlangu fil-Punent tal-Iskozja: bakkaljaw fiż-żona 6b; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b li jinsabu fil-Punent ta' 12°00′ W kif ukoll dawk taż-żoni 12 u 14; merlangu fiż-żona 6; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14; u bi skambju għall-bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku, il-merlangu tal-Baħar Irlandiż u l-barbun tat-tbajja' fiż-żoni 7h, 7j u 7k: bakkaljaw fiż-żoni 7b, 7c, 7e-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni; merluzz tal-linja sewda fiż-żoni 7b-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1; merluzz tal-linja sewda fiż-żoni 7h, 7j u 7k; lingwata fiż-żona 7e; barbun tat-tbajja' fiż-żoni 7h, 7j u 7k.".

2. L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (HER/1/2-)
Il-Belġju	13 (1)		
Id-Danimarka	13 129 (1)		
Il-Ġermanja	2 299 (1)		
Spanja	43 (1)		
Franza	566 (1)		
L-Irlanda	3 399 (1)		
In-Netherlands	4 698 (1)		
Il-Polonja	664 (1)		
Il-Portugall	43 (1)		
Il-Finlandja	203 (1)		
L-Iżvezja	4 865 (1)		
Ir-Renju Unit	8 393 (1)		
L-Unjoni	38 315 (1)		
Il-Gżejjer Faeroe	4 500 (2) (3)		
In-Norveġja	34 484 (2) (4)		
TAC	588 562	TAC analitika	

(1) Meta jiġu rrappurtati l-qabdiet lill-Kummissjoni, għandhom jiġu rrappurtati wkoll il-kwantitajiet li jkunu nqabdu f'kull waħda miż-żoni li ġejjin: iż-żona regolatorja tan-NEAFC u l-ilmijiet tal-Unjoni.

(2) Tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fit-Tramuntana ta' 62° N.

(3) Iridu jingħaddu mal-limiti tal-qbid tal-Gżejjer Faeroe.

(4) Iridu jingħaddu mal-limiti tal-qbid tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, fiż-żoni li ġejjin ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet ta' hawn taħt:

	L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fit-Tramuntana ta' 62° N u ż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen (HER/*2AJMN)
	34 484
	Iż-żona 2 u ż-żona 5b li tinsab fit-Tramuntana ta' 62° N (l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe) (HER/*25B-F)
Il-Belġju	2
Id-Danimarka	1 541
Il-Ġermanja	270
Spanja	5
Franza	67
L-Irlanda	399
In-Netherlands	552
Il-Polonja	78
Il-Portugall	5
Il-Finlandja	24
L-Iżvezja	571
Ir-Renju Unit	986";

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	L-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14 (COD/N1GL14)
Il-Ġermanja	1 636 (1)		
Ir-Renju Unit	364 (1)		
L-Unjoni	2 000 (1)		
TAC	Mhix rilevanti	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

(1) Minbarra l-qabdiet aċċessorji, il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal dawn il-kwoti:

1. Dawn ma jistgħux jinqabdu bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Mejju 2019.
2. Il-bastimenti tal-UE jistgħu jagħżlu li jistadu f'żona waħda mit-tnejn li ġejjin jew fit-tnejn li huma:

Kodiċi tar-rappurtar	Limiti ġeografiċi
COD/GRL1	Il-parti taż-żona tas-sajd ta' Greenland li tinsab fis-subżona 1F tan-NAFO fil-Punent ta' 44°00′W u fin-Nofsinhar ta' 60°45′N, dik il-parti tas-subżona 1 tan-NAFO li tinsab fin-Nofsinhar tal-parallel ta' 60°45′ tal-latitudni tat-Tramuntana (imsejħa "Cape Desolation") u l-parti taż-żona tas-sajd ta' Greenland fid-diviżjoni 14b tal-ICES li tinsab fil-Lvant ta' 44°00′W u fin-Nofsinhar ta' 62°30′N.
COD/GRL2	Il-parti taż-żona tas-sajd ta' Greenland li tinsab fid-diviżjoni 14b tal-ICES fit-Tramuntana ta' 62°30′N.";

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-redfish (pelaġiku) fl-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ir-redfish (pelaġiku) *Sebastes* spp.	**Żona**	L-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14 (RED/N1G14P)
Il-Ġermanja	765 (1) (2) (3)		
Franza	4 (1) (2) (3)		
Ir-Renju Unit	5 (1) (2) (3)		
L-Unjoni	774 (1) (2) (3)		
In-Norveġja	561 (1) (2)		
Il-Gżejjer Faeroe	0 (1) (2) (4)		
TAC	Mhix rilevanti		TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

(1) Jista' jinqabad biss mill-10 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru.

(2) Jista' jinqabad biss fl-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish delimitata mil-linji li jgħaqqdu flimkien il-koordinati li ġejjin:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	64°45′N	28°30′W
2	62°50′N	25°45′W
3	61°55′N	26°45′W
4	61°00′N	26°30′W
5	59°00′N	30°00′W
6	59°00′N	34°00′W
7	61°30′N	34°00′W
8	62°50′N	36°00′W
9	64°45′N	28°30′W

(3) Kondizzjoni speċjali: din il-kwota tista' tinqabad ukoll fl-ilmijiet internazzjonali taż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish imsemmija hawn fuq (RED/*5-14P).

(4) Jista' jinqabad biss fl-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 (RED/*514GN).".

3. L-Anness IH huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IH

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*	**Żona:**	Iż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S (SWO/F7120S)
L-Unjoni	3 170,36		
TAC	Mhix rilevanti		TAC prekawzjonarja".

4. L-Anness IJ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IJ

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

Speċi:	Sawrell taċ-Ċilì *Trachurus murphyi*	**Żona:**	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	9 079,65		
In-Netherlands	9 841,41		
Il-Litwanja	6 317,86		
Il-Polonja	10 863,08		
L-Unjoni	36 102		
TAC	Mhix rilevanti	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

Speċi:	Pixxisinna *Dissostichus* spp	**Żona:**	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (TOP/SPRFMO)
TAC	45 [1]	TAC prekawzjonarja	

[1] Din it-TAC hija għal sajd esploratorju biss. Is-sajd għandu jseħħ biss fi ħdan il-blokki ta' riċerka li ġejjin (A-E):
— Blokka ta' riċerka A: żona kkonfinata mil-latitudnijiet 47° 15′ S u 48° 15′ S u mil-lonġitudnijiet 146° 30′ E u 147° 30′ E
— Blokka ta' riċerka B: żona kkonfinata mil-latitudnijiet 47° 15′ S u 48° 15′ S u mil-lonġitudnijiet 147° 30′ E u 148° 30′ E
— Blokka ta' riċerka C: żona kkonfinata mil-latitudnijiet 47° 15′ S u 48° 15′ S u mil-lonġitudnijiet 148° 30′ E u 150° 00′ E
— Blokka ta' riċerka D: żona kkonfinata mil-latitudnijiet 48° 15′ S u 49° 15′ S u mil-lonġitudnijiet 149° 00′ E u 150° 00′ E
— Blokka ta' riċerka E: żona kkonfinata mil-latitudnijiet 48° 15′ S u 49° 30′ S u mil-lonġitudnijiet 150° 00′ E u 151° 00′ E.".

5. L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

L-GĦADD MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI LI JISTADU FL-ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen	Aringa, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	77	DK	25	57
			DE	5	
			FR	1	
			IE	8	
			NL	9	
			PL	1	
			SV	10	
			UK	18	

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
	Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	80	DE	16	50
			IE	1	
			ES	20	
			FR	18	
			PT	9	
			UK	14	
			Mhux allokati	2	
	Kavall ([1])	Mhix relevanti	Mhix rilevanti		70
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62° 00′ N	480	DK	450	150
			UK	30	
L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe	L-attivitajiet tas-sajd kollha bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux iżjed minn 180 pied fiż-żona bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe	26	BE	0	13
			DE	4	
			FR	4	
			UK	18	
	Sajd immirat lejn il-bakkaljaw u l-merluzz tal-linja sewda b'qies minimu tal-malji ta' 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62° 28′ N u fil-Lvant ta' 6° 30′ W	8 ([2])	Mhix rilevanti		4
	Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe. Fil-perjodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu jistadu fiż-żona bejn 61° 20′ N u 62° 00′ N u bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi	70	BE	0	26
			DE	10	
			FR	40	
			UK	20	
	Sajd bit-tkarkir għal-linarda b'qies minimu tal-malji ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61° 30′ N u l-Punent ta' 9° 00′ W u fiż-żona bejn 7° 00′ W u 9° 00′ W fin-Nofsinhar ta' 60° 30′ N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60° 30′ N, 7° 00′ W u 60°00′ N, 6° 00′ W	70	DE ([3])	8	20 ([4])
			FR ([3])	12	

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
	Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir immirat lejn il-pollakkju iswed b'qies minimu tal-malji ta' 120 mm u bil-possibbiltà li jintużaw ċineg fit-tond madwar il-manka	70	Mhix rilevanti		22 [4]
	Attività tas-sajd għall-istokkafixx. L-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faeroe jintroduċu regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona msejħa "żona prinċipali tas-sajd għall-istokkafixx"	34	DE	2	20
			DK	5	
			FR	4	
			NL	6	
			UK	7	
			SE	1	
			ES	4	
			IE	4	
			PT	1	
	Sajd bix-xolfa	10	UK	10	6
	Kavall	20	DK	2	12
			BE	1	
			DE	2	
			FR	2	
			IE	3	
			NL	2	
			SE	2	
			UK	6	
	Aringa, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	20	DK	5	20
			DE	2	
			IE	2	
			FR	1	
			NL	2	
			PL	1	
			SE	3	
			UK	4	

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
1, 2b ([5])	Sajd għas-snow crab bin-nases	20	EE	1	Mhux applikabbli
			ES	1	
			LV	11	
			LT	4	
			PL	3	

([1]) Minħajr preġudizzju għal-liċenzji addizzjonali mogħtija lill-Iżvezja min-Norveġja skont prattika stabbilita.
([2]) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għall-attivitajiet kollha tas-sajd bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux iżjed minn 180 pied fiż-żona bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe.
([3]) Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt.
([4]) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għall-"Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe".
([5]) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Svalbard hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.".

6. L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IV

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT ([1])

1. L-għadd massimu ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	60
Franza	37
L-Unjoni	97

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni tas-sajd artiġjanali kostali li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran

Spanja	364
Franza	130
L-Italja	30
Ċipru	20 ([1])
Malta	54 ([1])
L-Unjoni	598

([1]) Dan in-numru jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jiġi sostitwit b'10 bastimenti tas-sajd bil-konz skont in-nota 4 jew 6 f'qiegħ il-paġna tat-tabella A fil-punt 4 ta' dan l-Anness.

([1]) In-numri li jidhru fit-taqsimiet 1, 2 u 3 jistgħu jonqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut

Il-Kroazja	16
L-Italja	12
L-Unjoni	28

4. L-għadd massimu u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trasbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

	Għadd ta' bastimenti tas-sajd [1]							
	Ċipru [2]	Il-Greċja [3]	Il-Kroazja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta [4]	Il-Portugall
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża	1	1 [5]	16	19	22	6	1	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ	23 [6]	0	0	35	8	49	61	0
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	37	69	0	76 [7]
Dgħajjes tas-sajd bix-xolfa	0	0	12	0	33 [8]	1	0	0
Bastiment tas-sajd bit-tkarkir	0	0	0	0	57	0	0	0
Ta' skala żgħira	0	13	0	0	130	599	52	0
Bastimenti artiġjanali oħrajn [9]	0	42	0	0	0	0	0	0

[1] In-numri f'din it-Tabella A tat-taqsima 4 jistgħu jiżdiedu iżjed, sakemm ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.
[2] Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun tal-borża u mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konz.
[3] Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun tal-borża u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.
[4] Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.
[5] Dan il-bastiment m'għandux jintuża fl-2019.
[6] Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iktar minn irkaptu wieħed.
[7] Dgħajjes tas-sajd bil-lixka tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u Madeira.
[8] Dgħajjes tas-sajd bil-lixka li joperaw fl-Atlantiku.
[9] Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xlief, konz tat-trejjix).

Tabella B

	Kapaċità totali f'tunnellaġġ gross						
	Ċipru	Il-Kroazja	Il-Greċja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta
Bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit

	Kapaċità totali f'tunnellaġġ gross						
	Ċipru	Il-Kroazja	Il-Greċja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Dgħajjes tas-sajd bix-xolfa	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Bastimenti artiġjanali oħrajn	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit

5. L-għadd massimu ta' nases involuti fis-sajd tat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru

L-Istat Membru	Għadd ta' nases [1]
Spanja	5
L-Italja	6
Il-Portugall	3

[1] Dan in-numru jista' jiżdied iżjed, sakemm ikun konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonna għal kull Stat Membru u l-ammont massimu ta' tonna maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Spanja	10	11 852
L-Italja	13	12 600
Il-Greċja	2	2 100
Ċipru	3	3 000
Il-Kroazja	7	7 880
Malta	6	12 300

Tabella B [1] [2]

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Spanja	7 000
L-Italja	Għad irid jiġi stabbilit

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Il-Greċja	Għad irid jiġi stabbilit
Ċipru	Għad irid jiġi stabbilit
Il-Kroazja	Għad irid jiġi stabbilit
Malta	8 766
Il-Portugall	350

(1) Il-kapaċità tat-trobbija fil-Portugall ta' 500 tunnellata hija koperta mill-kapaċità mhux użata tal-Unjoni mniżżla fit-Tabella A.
(2) Il-kontenut ta' din it-tabella għandu jiġi rivedut iżjed sakemm ikun konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. It-tabella riveduta m'għandux ikun fiha ċifri inqas minn dawk li jinsabu fir-Regolament 2018/120.

7. Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri tal-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li huwa awtorizzat jistad għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 għandha tkun kif ġej:

L-Istat Membru	L-għadd massimu ta' bastimenti
L-Irlanda	50
Spanja	730
Franza	151
Ir-Renju Unit	12
Il-Portugall	310

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun dan li ġej:

L-Istat Membru	L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża	L-għadd massimu ta' bastimenti bil-konzijiet
Spanja	23	190
Franza	11	—
Il-Portugall	—	79
L-Unjoni	34	269".

7. L-Anness VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS VII

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	14
L-Unjoni	14".

8. L-Anness VIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS VIII

LIMITAZZJONIJIET KWANTITATTIVI TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-Bandiera	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
In-Norveġja	Aringa, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Il-Gżejjer Faeroe	Kavall, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), 2a, 4a (fit-Tramuntana ta' 59° N) Sawrell, 4, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), 7e, 7f, 7h	20	14
	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	20	Għad irid jiġi stabbilit
	Aringa, 3a	4	4
	Sajd industrijali għall-merluzz tan-Norveġja, 4, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N) (inkluż qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-istokkafixx)	14	14
	Lipp u tusk	20	10
	Stokkafixx, 2, 4a, 5, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), 6b, 7 (fil-Punent ta' 12° 00′ W)	20	20
	Linarda	16	16
Il-Venezwela ([1])	Snappers (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża)	45	45

([1]) Sabiex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, għandu jintwera bil-provi li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qiegħed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża, u li dan jinkludi obbligu tal-ħatt l-art ta' minn tal-inqas 75 % tal-qabdiet kollha tal-isnappers mill-bastiment ikkonċernat f'dak id-dipartiment sabiex b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. Kuntratt bħal dan irid ikun approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża kontraenti tal-ipproċessar kif ukoll mal-għanijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana Franċiża. Mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkun hemm mehmuża kopja tal-kuntratt li tkun debitament approvata. Meta approvazzjoni bħal din tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni dwar din iċ-ċaħda u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.".